MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 265/2013

**Appell Nru. 265/2013**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Gesmond Sant**

**Illum 19 ta' Frar, 2014,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 17766(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minn Otturbu 2012 sa Frar 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Rita Sant u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 i-

jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Mejju, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellant hati u ghaldqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skond din id-dikjarazzjoni. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta u tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew snazjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Meta l-appellant talab kopja tas-sentenza mghotija fil-konfront tieghu sabiex jhejji l-appell tieghu huwa inghata biss il-kopja tal-komparixxi li fuqha kien hemm il-kliem "Ammissjoni. Gimghatejn detenzjoni" miktubin fil-parti t'isfel ta' l-istess att [Dok B] Illi min harsa lejn dan id-dokument jidher ben car li dan ma jissodisfax ir-rekwiziti minimi stabilliti mil-ligi dwar x'ghandu jkun fiha sentenza [Vide Art.382 tal-Kap. 9). Huwa minnu li fi proceduri sommarji ma hijiex rikjesta r-rigorisita' procedurali li hija stabillita fi proceduri penali ohra pero'

"is-sentenza" in kwistjoni bir-rispett jigi sottomess li hija estremament ekonomika u sibiljana;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-tieni aggravvju huwa car u manifest in kwantu minkejja li fuq il-kopja tal-komparixxi hemm miktub il-kelma "Ammissjoni" l-appellant qatt ma ammetta l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu. Umilment jigi sottomess li l-mod kif gew kondotti l-proceduri in kwistjoni kienu kemmxejn anomali. Dak li gara kien li l-avukata tal-parte civile ipprezentat lil Qorti kopja tas-sentenza ta' l-appell hawn qabel msemmija bhala Dok A. Sussegwentament l-Avukat difensur ta' l-appellant spjega l-pozizzzjoni tal-klijent tieghu u cioe' li l-appellant kien baqa jhallas il-mizata fl-intier taghha ghal bintu minuri u kien informa lil martu kif ikkonfermat mill-avukat ta' l-istess parte civile li l-hlas da partti tieghu tan-nofs dovut mill-parte civile mill-mizata skolastika kelllha tittiehed akkont tal-manteniment dovut minnu u li minkejja dan l-parte civile regghat marret thallas nofs il-mizata skolastika. B'prova ta' dan l-avukat difensur ta' l-appellant pprezenta lil Qorti l-ircevuti rilaxxati minn San Anton School ta' dak kollu mhallas mill-klijent tieghu li wara li ezaminathom raddithom lura lill-istess avukat. Il-Qorti dak il-hin saqsiet lill-avukat difensur jekk il-klijent tieghu kienx ser jirregistra ammissjoni u l-avukat wiegeb fin-negattiv u tenna d-difiza tal-klijent tieghu li l-mara naqset milli tipprova li hija ma thallsitx u li huwa fil-fatt kien hallas il-manteniment dovut meta hallas il-mizata ta' l-iskola ta' bintu fl-intier taghha u rega offra l-assistenza kollha ta' l-appellant sabiex l-ex martu tithallas lura l-flus kollha li hallset lill-istess skola indebitament u dan anke fid-dawl tal-qaghda finanzjarja prekarja taz-zewg partijiet. Fil-fart l-avukat difensur ppropona li s-smiegh tal-kawza jigi differit sabiex huwa jaghmel dak li ma ghamlitx il-parte civile minkejja offerti precedenti u ressaq talba formali lill-iskola ghar-rimbors lil Rita Sant ta' dak mhallas minn Rita Sant, liema proposta ma ntalqetx mill-Ewwei Onorabbli Qorti rninkejja li din kienet l-ewwei dehra u ma kienx hemm differiment qabel. Il-Qorti pposponiet il-kawza ghas-sentenza u wara xi saghtejn baghtet ghal partijiet u ppronunzjat il-piena ta' gimghatejn detenzjoni fil-konfront ta' l-imputat appellant. Ghalhekk l-appellant qatt ma

ammetta l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ressaq provi u ghamel sottomissjonijiet in sostenn tad-difiza tieghu li lanqas l-icken notament dwarhom ma huwa riportat fuq it-Tahrika tal-kawza;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-tielet aggravvju huwa car u manifest in kwantu l-Ewwei Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib htija fl-imputat appellant stante li ma gewx ippruvati la l-elementi ta’ l-actus reus u wisq inqas l-elementi tal-mens rea kostituttivi tar-reat addebitat lill-esponent. Kif del resto diga’ ntqal hawn qabel l-appellant mhux talli hallas dak dovut minnu fil-ligi izda addirittura hallas izjed. L-appellant kif dejjem ghamel, baqa’ jhallas il-mizata ta’ i-iskoia ta’ bintu f’San Anton School u nforma lil martu b’dan.   Huwa qalilha li kien ser jibqa jhallas il-mizata kollha u b’hekk in-nofs dovut minn martu kien jittiehed bhala l-manteniment dovut minnu. Dan huwa ghamlu kif jidher mid-dokumenti annessi bhala Dok C u D fejn ghal kull semester, l-esponent appellant hallas lil San Anton School is-somma ta’ €1481.00 ghal kull semester. Li gara huwa li martu b’pika u minkejja dak li kien qalla l-appellant regghet marret thallas lill-istess skola is-somma ta’ €740.50 ghal kull semester kif jirrizulta mid-dokumenti annessi bhala Dok E u Dok F. Jekk wehed jaghmei kalkolu tal-mantenirnent dovut ghal perjodu allegat (5 xhur), l-manteniment dovut kien ikun dak ta’ €930.   L-esponent appellant hallas bhala manteniment (€1481.00 ÷2 X 2) €1481, somma ferm akbar minn dak dovut minnu. Galadarba martu ghazlet li ma taghmilx talba lilI-iskoia ghar-rifuzjoni tal-flejjes imhallsa minnha minkejja l-offerta ta’ l-assistenza ta’ l-avukat difensur ta’ l-appellant F’dan ir-rigward, minghajr pregudizzju ghal dan l-appell, l-esponent ha jaghmel talba hu lill-iskola sabiex jigu rifuzi lill-martu l-flejjes mhallsa minnha galadarba b’hekk spiccaw li l-iskola thallset darba u nofs dak dovut minnha.

Fid-dawl ta’ dan wisq inqas jirrizulta l-mens rea rikjesta sabiex tinstab htija. L-appellant lanqas l-aktar grad baxx ta’ element intenzjonali ma kellu li jikser xi disposizzjoni tal-ligi.   Anzi l-intenzjoni tieghu li kien li jirrispetta u jhallas dak dovut minnu.   Hekk ghamel u ghaddirittura hallas izjed minn dak dovut minnu. Se mai hawn ghandna kaz

fejn il-hlas da parti ta’ l-appellant gie ingustament rifjutat mill-parte civile li l-animu taghha ma huwiex dak li tiehu dak dovut lilha izda biss dak ta’ vendetta li ggwida tul l-proceduri ta’ separazzjoni bejn il-partijiet.

Inoltre mit-Tahrika tai-kawza ma jirrizulta l-ebda notament dwar fuq liema xhieda strahet l-Ewwel Onorabbli Qorti. In pessima ipotesi Rita Sant ma xheditx sabiex tikkonferma dak allegat minnha u l-appellant lanqas gie notifikat b’xi affidavit li ghalih hekk indikazzjoni fuq l-istess att.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-raba’ u l-ahhar aggravvju ta’ l-appellant huwa car u manifest.  Dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel tlett aggravvji ta’ l-appellant u xorta wahda ssib htija fih, il-piena nflitta fuq l-irnputat appellant minn l-ewwel Onorabbli Qorti kien wahda eccessiva u mhux proporzjonata ghal portata ta’ dan il-kaz.

Fil-fehma ta’ l-esponent ikun xieraq li jkun hemm temperament fil-piena u Ii tinghata piena Ii tkun aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat.

Illi permezz tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat-28 ta’ Settembru ta’ l-2013 fl-ismijiet Rita Sant versus Jesmond Sant, dik li l-Qorti pprovdiet il-manteniment pagabbli mill-appellant ghal bintu minuri ghandu jkun ta’ €186 kull erba’ gimghat izda,  l-ispejjez kollha ta’ l-edukazzjoni u sahha tal-minuri jkunu a karigu ta’ zewg partijiet fi kwoti indaqs bejniethom.  Il-parti leza Rita Sant ilmentat illi ma thallsitx il-manteniment tal-minuri ghax-xhur minn Ottubru sa’ Frar ta’ l-2013 u ghamlet rapport l-ghassa fejn il-Pulizja sussegwentement ipprocediet kontra l-appellant fejn b’sentenza tas-27 ta’ Mejju ta’ l-2013 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati fuq ammisjoni u kkundannatu ghal gimghatejn ditenzjoni.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza li minnha nterpona appell u l-aggravju principali tieghu huwa fil-fatt illi l-ewwel sentenza hija annulla bla effett.  Meta l-

appellant talab kopja tas-sentenza biex ilesti l-appell, inghata biss kopja tal-komparixxi illi fuqha kien hemm miktub il-kliem “Ammissjoni.  Gimghatejn ditenzjoni” u ghalhekk dan id-dokument ma jissodisfax ir-rekwiziti minimi stabbiliti mill-Ligi, dwar x’ghandu jkun fiha s-sentenza.

Ikkunsidrat.

L-Artiklu 382 tal-Kap 9 jaghti direzzjoni lil Qorti ta’ x’ghandu jkun fiha s-sentenza u cioe,  ghandha tghid il-fatti illi taghhom dak li jkun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artiklu tal-Kodici jew kull Ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.  Izda dan l-Artiklu ma jghidx li s-sentenza ghandha bilfors tinkiteb mill-Magistrat.  Fil-fatt fil-kawza l-ismijiet il-« Pulizija kontra Albert Bezzina », deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-25 ta’ Lulju tan-1994 intqal “La l-Artiklu 377 (1) u lanqas l-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat.  Dak li trid il-Ligi hu li dak li jghid il-Magistrat meta jghid is-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza.” (Ara ukoll il-Pulizija versus Raymond Parnis Appell Kriminali 2 ta’ Mejju ta’ l-2012).

Dan ifisser quindi illi l-appunti illi jikteb il-Magistrat, jibqghu biss appunti ghall-informazzjoni tieghu.  Is-sentenza illi taghmel stat fil-konfront tal-partijiet u terzi, hija dik il-kopja ufficcjali illi tohrog minghand id-Deputat Registratur, taht il-firma tieghu biss.  Il-Magistrat m’ghandux ghalfejn jiffirma l-kopja ufficcjali.  Dan ‘l ghaliex l-istat legali jkun intlahaq mid-Deputat Registratur u mhux mill-Magistrat pero, jekk il-Magistrat jaghzel li jiffirma ma jaghmel xejn hazin, basta li fuq il-kopja jkun hemm ukoll il-firma tad-Deputat Registratur.  F’dan il-kaz, id-Deputat Registratur ma ffirma l-ebda kopja.  Quindi f’dan l-istadju ma hemmx kopja ufficcjali tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fis-27 ta’ Mejju ta’ l-2013.  Dan pero ma jgibx in-nullita tas-sentenza peress illi din il-kopja tista’ tigi mahruga fi kwalunkwe stadju tal-procedura jew inkella meta tigi mitluba mill-persuna interessata.  Ghalhekk il-Qorti qeghdha tiddispondi mill-ewwel aggravju.

It-tieni aggravju huwa aktar serju, peress illi l-appellant qieghed jilmenta illi mhuwiex minnu li huwa qatt ammetta din l-akkuza mentri fil-fatt id-decizjoni tal-Magistrat giet ibbazata fuq propju l-ammissjoni ta’ l-appellant.

Ikkunsidrat.

Quddiem il-magistrat, jidher li nzammet seduta wahda, dik tas-27 ta’ Mejju ta’ l-2013. F’dan il-verbal ma hemm xejn imsemmi dwar l-ammissjoni ta’ l-appellant u din il-Qorti kienet tippretendi li ammissjoni bhal din kellha mal-ewwel tigi registrata fil-verbal u jigu osservati l-kawteli li tirrikjedi l-Ligi ghal dikjarazzjoni simili. Minn dan kollu pero ma hemm xejn u ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq dak li hemm miktub fil-verbal.

Fil-kawza fl-ismijiet il-« Pulizija versus Martin J. Camilleri » deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-20 ta’ Jannar tan-1995 il-Qorti qalet, “… Ma tistax thares b’legerezza ghal verbali ta’ Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet, almenu prima face sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball.” Din l-interpretazzjoni tista’ tfisser ukoll illi thalliet xi haga barra. Imma dan ma jirrizultax f’dan il-kaz u l-Qorti ma tistax tassumi li ammetta l-akkuzi tieghu f’xi stadju iehor tal-proceduri, anke qabel ma nghatat is-sentenza, la din id-dikjarazzjoni ma tirrizultax formalment registrata fil-verbali tal-Qorti. Quindi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tghaddi ghas-sentenza fuq ammissjoni, meta din l-ammissjoni ma tirrizultax fl-atti. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-appellant ghandu ragun fit-tieni aggravju tieghu li ghandu jkun milhuq u ghalhekk tilqa’ l-istess, u tiddikjara s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti bhala nulla i fini u l-effetti kollha tal-Ligi.

Peress illi l-fatti huma pacifici u saret it-trattazzjoni fuq il-meritu quddiem din il-Qorti, ser tghaddi biex tiddisponi minn din il-kawza mill-gdid.

Ikkunsidrat.

L-imputat Jesmond Sant ammetta illi bhala fatt huwa m'avversax lil parti leza l-manteniment fix-xhur t'Ottubru sa' Frar ta' l-2013 imma dan ghamlu mhux ghax ma riedx ihallas izda peress huwa hallas il-mizata ta' l-iskola tal-minuri fl-intir taghha meta suppost kellu jhallas bin-nofs. Ippretenda illi b'hekk saret tpacija ma' l-ammonti dovuta lil parti leza, li ma kelliex tippretendi illi tircievi manteniment meta semha mill-hlas ta' l-edukazzjoni thallas interament mill-imputat, li ppretenda li kellu jmur akkont tal-manteniment dovut lil minuri. Il-parti leza m'accettatx dan l-arrangament u insistiet li tircievi l-ammonti diretti hi. Sadanittant, permezz ta' verbal ta' l-24 t'Ottubru ta' l-2013, il-parti leza ddikjarat li hija rceviet l-ammonti dovuti ghal dawk ix-xhur meta l-ammont tal-pagament doppju li sar fl-iskola tal-minuri, gie rifus lilha u ghalhekk ma kelliex aktar pritenzjonjiet kontra l-imputat ghal dak li jirrigwarda din il-kawza.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi din il-Qorti jidrilha illi l-partijiet ghandhom skurpolozament josservaw d-dispozizzjonijet ta' l-ordnijiet moghtija mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fis-separazzjoni taghhom u m'ghandhomx jiehdu inizjattivi illi jmorru oltre dik is-sentenza. Ghalhekk jekk il-Qorti ddecediet illi l-ispejjez edukattivi tal-minuri ghandhom jithallsu ugwalment bejn il-konjugi, l-imputat Jesmond Sant ma kellu l-ebda dritt jivversa l-pagament shih minn naha tieghu biss u mbaghad wara jippretendi tpaccija. It-tpaccija ma toperax b'dan il-mod peress li ma kelliex l-aderzjoni tal-parti l-ohra. Huwa biss meta din il-parti ma jkolliex oggezzjoni u l-ammont ikun likwidu u determinat, illi l-imputat jista' jaghmel pagament bi tpaccija ghal dak illi kellu jhallas lil parti leza. Imma sakemm dan l-istat ma jintlahaqx u l-parti leza tibqa' turi oppozizzjoni taghha ghal din il-forma ta' pagament, allura l-imputat irid izomm ferm ma' l-ordnijiet maghmula mill-Qorti ta' l-Appell. U ghalhekk ghal fini ta' dan ir-reat, issib li l-imputat naqas li jobdi l-ordnijiet ta' l-Qorti ta' l-Appell u quindi ghandu jinstab hati ta' din l-akkuza li hija wahda ta' natura kontrovenzjonali u ghalhekk ma jidhlux kwistjonijiet ta' intenzjoni kif qed

jippretendi li ghandu jkun hemm fir-rikors ta' l-appell tieghu.

Pero din il-Qorti mhijiex avversa ghas-sitwazzjoni, li llum il-parti leza rceviet l-ammonti li kellha tircievi u ddikjarat formalment li ma kelliex aktar pritenzjonijiet kontra l-appellant. Din is-sitwazzjoni timmerita li jkun hemm temperament fil-piena. Fil-kawza l-"Pulizija kontra Publius Said" (25 ta' Settembru ta' l-2003) il-Qorti qalet "L-iskop tal-legislatur meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1993, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timponixxi l-ksur ta' ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontra attwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena..."

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi wara li rat l-Artiklu 338 Z tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u tammonieh u twiddbu biex ma jergax jikkommetti xi ksur tal-Ligi fil-konfront tal-parti leza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------